# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 38**

**Avviz numru 970/00/SM**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Charles Zarb.**

**vs**

**Paul Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghanduk ikun:**

**1. Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-21 ta' Marzu 2000 fil-Gzira meta l-konvenut waqt li kien qed**

isuq il-vettur numru EBY 566 imhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura numru BIA 001 propjieta ta' Charles Zarb, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mija u sitta u disghin Lira Maltin u disa' u erbghin centezmi (LM496.49,0) jew somma ohra vejuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Ikkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz;

4. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (LM15.00,0), ta' l-Ittra Ufficjali tas-26 ta' April 2000 u ta' l-ittra Ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. L-ewwel talba tas-socjeta' attrici ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort tal-assikurat tas-socjeta' attrici Charles Zarb. Infatti fil-21 ta' Marzu 2000, waqt li l-eccipjent kien qed isuq il-bus Nru. EBY 566 go The Strand, Gzira, fid-direzzjoni tas-Sliema, l-imsemmi Charles Zarb qabad u fetah b'imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti l-bieba ta' quddiem tal-lemin tal-vettura tieghu Nru. BIA 001 li kienet ipparkjata u laqat il-bus tal-eccipjent fuq il-genb tax-xellug taghha;

2. It-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici;

**3. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-quantum ta-danni reklamat huwa esagerat;**

**4. It-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m'ghandux ikun kundannat ihallas danni lis-socjeta' attrici;**

**5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**A. Il-Versjoni ta' Charles Zarb l-assigurat tas-socjeta' attrici nomine:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tal-5.30 p.m. tal-21 ta' Marzu tas-sena 2000;**

**2. Illi l-vettura Peugeot bin-numru BIA-001 kienet ipparkjata parallellament mall-bankina f' "The Strand", il-Gzira;**

**3. Illi wara li dan fetah il-bieba ta' wara biex ipoggi l-bagalja tieghu fetah il-bieba ta' quddiem, dahal fil-karozza u hekk kif kien ser jghalaq il-bieba tghaddi x-xarabank bin-numru EBY-566 misjuqa mill-konvenut u laqtitlu l-bieba;**

**4. Illi d-danni sofferti mis-socjeta' assigurata jammontaw komplessivament ghal erba' mija u sitta u disghin Lira Maltin u disa' u erbghin centezmu, (LM496.49,0);**

**B. Il-Versjoni tal-konvenut Paul Farrugia;**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tal-5.30 p.m. tal-21 ta' Marzu tas-sena 2000;**

**2. Illi l-konvenut kien qed isuq ix-xarabank tal-linja fid-direzzjoni lejn Tas-Sliema fuq ix-xellug tal-karreggjata tieghu b'karozzi pparkjati tul it-triq;**

**3. Illi meta wasal fil-post ta' l-incident l-assigurat ikkoncernat fuq riferit fetah il-bieba tal-karozza tieghu f'daqqa u ghalkemm ipprova jevitah ma rnexxilux u habat mal-bieba ta' l-assigurat Zarb fil-bieba ta' l-istaffa tax-xarabank tieghu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi hu evidenti mill-analizi fuq riprodott li z-zewg atturi principali ikkoncernati f'din il-procedura, senjatement l-assigurat Zarb u l-konvenut Farrugia huma t-tnejn responsabbli ghall-akkadut ghalkemm qed jipprovaw jiskarigaw din ir-responsabbilita' kompletament fuq xulxin;**

**Illi huwa ovvju li t-tnejn li huma naqsu milli jzommu l-"proper look-out";**

**Illi t-tnejn kien imisshom ipprevenew sitwazzjoni ta' krizi, ma webbsux rashom u ddesistew milli jibqghu jippersistu b'nonkuranza ghall-konsegwenzi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tqis li kemm Charles Zarb kif ukoll Paul Farrugia ikkontribwew b'mod ugwali biex isehh l-incident in dizamina li bi ftit prudenza seta' facilment jigi evitat u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lil Charles Zarb u Paul Farrugia ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' ebra' mija u sitta u disghin Lira**

**Maltin u disa' u erbghin centezmu, (LM496.49,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Paul Farrugia, in vista tal-premess biex ihallas biss l-ammont ta' mitejn u tmienja u erbghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu, (LM248.25,0), flimkien ma' nofs l-ispejjez involuti u bl-imghaxijiet relattivi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**